A.L. 81 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1995 dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ministru tal-Finanzi għamlu r-regolamenti li ġejjin:—

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi. Titolu

2. Id-drittijiet speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu lill-Uffiċjal tal-Passaporti u lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni relattivament għas-servizzi hemmhekk imsemmija: Drittijiet.

Iżda l-Ministru responsabbli għall-passaporti jista' jordna li d-drittijiet dwar viża li jitħallsu minn nazzjonali ta' xi pajjiż partikolari jkunu daqs id-drittijiet li jintalbu mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż għall-viżi tagħhom fuq passaporti ta' ċittadini ta' Malta.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1990 dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi, huma b'dan imħassra. Tħassir ta' ta' l-A.L. 30 ta' l-1990.

SKEDA

Regolament 2

Servizz	*Drittijiet*
	Lm c m
1. Għall-ħruġ ta' passaport għal dawk il-persuni li għalqu s-sittax-il sena	10.00,0
2. Għall-ħruġ ta' ċertifikat kollettiv sabiex iservi bħala passaport	2.00,0
3. Għall-ħruġ ta' passaport lill-minuri li għalqu l-għaxar snin iżda li għadhom ma għalqux is-sittax-il sena	5.00,0
4. Għall-ħruġ ta' passaport lill-minuri li għadhom ma għalqux l-għaxar snin	2.00,0
5. Għall-ħruġ ta' karta ta' l-identità għall-iskop ta' vjaġġar	1.00,0
6. Għat-tiġdid ta' karta ta' l-identità	1.00,0
7. Għall-ħruġ ta' Passaport ta' Emerġenza jew ta' dokument għal vjaġġar minflok passaport li ma hemm ebda dispożizzjoni oħra dwaru	1.00,0
8. Għall-għoti ta' viża—	
(a) Viża Normali	10.00,0
(b) Viża *Transit*	5.00,0
(ċ) Viża Normali multipla	20.00,0
(d) Viża *Transit* multipla	10.00,0.